# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Hamis 7 ta' Dicembru, 2000 .

### Citazzjoni numru : 182/99G1(PC)

**Lawrence u Lynette konjugi Caruana bhala legittimi rapprezentanti ta' binhom minuri Michael .**

**Vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex .**

**Il-Qorti ;**

**Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew :**

**Illi l-att tat-twelid numru tlett mija u hamsa tal-elf disa mija u sebgha u tmenin (305/1987) datat ghaxra (10) ta' Settembru ta' l-elf disa' mija u sebgha u tmenin (1987) ta' l-istess sena u relattiv ghat-twelid ta' binhom Michael huwa skorrett u dan ghaliex fil-parti relattiva ghal "Taghrif dwar it-Tarbija" fil-kolonna intestata "Twelid": "Il-hin, il-jum, ix-xahar u s-sena", il-jum tmintax (18) ta' Settembru huwa skorrett billi dan kellu jkun minflok tnejn (2) ta' Awissu, (dokument A) .**

**Illi l-atturi qeghdin jipprezentaw fidi tal-maghmudija mahrug mill-parrocca ta' San Lawrenz, Ghawdex (Dokument B), minn fejn irrizulta d-data korretta tat-twelid .**

**Talbu lill-konvenut jghid ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:**

1. **Tiddikjara illi l-Att tat-twelid relattiv ghat-twelid numru tlett mija u hamsa (305) ta' l-elf disa' mija u sebgha u tmenin (1987) relattiv ghat-twelid ta' binhom Michael huwa skorrett kif fuq spjegat ;**

2. **Konsegwentement tordna l-korrezzjoni tal-Att tat-twelid fuq imsemmi billi, fil-parti relattiva ghat-"Taghrif dwar it-Tarbija" fil-kolonna intestata "Twelid"; "Il-hin, il-jum, ix-xahar u s-sena" il-jum tmintax (18) Settembru hemm indikat jigi sostitwit bil-jum tnejn (2) ta' Awissu .**

**Bl-ispejjez, u bl-ingunzjoni tal-konvenut bis-subizzjoni .**

**Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi debitament ikkonfermata bil-gurament ta' l-attur Lawrence Caruana .**

**Rat ukoll id-dokumenti annessi mac-citazzjoni, u cioe' kopja vera tac-certifikat tat-twelid numru tlett mija u hamsa tas-sena elf disa' mija sebgha u tmenin (305/1987), u bhala dokument B, kopja tac-certifikat tal-maghmudija mahrug mill-parrocca ta' San Lawrenz .**

**Rat ukoll in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, illi eccepixxa :**

1. **Illi huwa m'huwiex edott mill-fatti u ghaldaqstant jirrimetti ruhu ghall-provi migjuba ;**

2. **Illi huwa m'ghandux ibati spejjez ;**

3. **Salvi eccezzjonijiet ulterjuri .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut debitament guramentata minn Nutar Mary Debono Borg .**

**Rat ukoll il-pubblikazzjoni ta' l-avviz rigward din il-kawza, kif mitlub mil-ligi .**

**Semghet lill-attur Lawrence Caruana jikkonferma bil-gurament l-ezattezza tad-dikjarazzjoni annessa ma' dina c-citazzjoni .**

1. **Il-Qorti, ghal hekk, u wara li ezaminat ic-certifikati esebiti, u peress illi jidhrilha illi t-talbiet attrici huma gustifikati u jimmeritaw konferma, tiddecidi din il-kawza billi tilqa' l-istess talbiet attrici, u tiddikjara li l-att tat-twelid numru tlett mija u hamsa tas-sena elf disa' mija sebgha u tmenin (305/1987), relattiva ghat-twelid ta' bin l-atturi Michael, huwa skorrett, kif spjegat fl-istess citazzjoni, u konsegwentement tordna l-korrezzjoni ta' l-istess att tat-twelid billi fil-parti relattiva ghat--"Taghrif dwar it-Tarbija" fil-kolonna intestata "Twelid"; "Il-hin, il-jum, ix-xahar u s-sena" il-jum tmintax (18) Settembru indikat fuq l-istess att tat-twelid ghandu jigi sostitwit bil-jum tnejn (2) ta' Awissu .**

**Il-Qorti tordna notifika ta' din is-sentenza lid-direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex, u peress illi din hija kawza ghal korrezzjoni ta' Att tat-twelid, ma ghandux jkun hemm spejjez .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat .**
**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur .**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur .**
S18299Pc
520